MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2003

Numru. 452/2002

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH CORDINA
VS
JOHN CARDONA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat John Cardona ta' 41 sena, bin George u Patricia nee White, imwieled Pieta fid-19 t'Ottubru 1960, u rsidenti fl-indirizz 10, Triq Anton Buttigieg, Hamrun detentur tal-karta tal-identita numru 687960M talli fit-28 t'april 2002 fir-Raba, ghamel uzu xjentement, ta' marki, sinjali, tabelli jew embleni li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema, jew wahhal deskrizzjoni kummercjali falza, jew biegh, zamm jew importa ghal hsieb ta' kummerc, numru ta' compact discs b'marka, sinjal jew emblema imxebbha, bi ksur ta' l-artikolu 298(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bi qliegh, jew bi skop ta’ kummerc, biegh, qassam jew mod iehor offra ghal-bejgh jew biex jitqassam, xi artikoli jew hwejjeg u cioe numru ta’ compact discs, bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-drittijiet ta’ l-awtur ta’ persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha, bi ksur tal-artiklu 298B tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, esercita il-mistier ta’ bejjiegh fit-toroq minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-pulizija bi ksur tal-artiklu 181 tal-kap 10 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-14 ta’ Mejju 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-ewwel u t-tielet akkuza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lil-imputat mhux hati tat-tieni akkuza, filwaqt li ssibu hati tal-ewwel u tat-tielet akkuza u wara li rat Art 298(1) tal-kap 9, Art 181 tal-kap 10 u Art 22 tal-kap 446 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin filwaqt li tordna il-konfiska u d-distruggiment tal-oggetti esebiti.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

---------------------------------TMIEM---------------------------------